# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 8/2015**

Il-Pulizija

vs

**Paul Scerri**

iben Gaetano, imwieled Marsa, fil-15 ta' April, 1956, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 269456(M)

Illum, 15 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Paul Scerri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Awwissu 2013 sa Gunju 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Josephine Carabott u/jew lil uliedeu s-somma ffissata skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Jannar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta u ghaldaqstant ikkundannatu tlett (3) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Paul Scerri pprezentat fil-15 ta' Jannar, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tal-15 ta' Jannar 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi ssib l-appellant mhux hati u fin-nuqqas taghti piena aktar ekwa u gusta .

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-appellant ma setax ihallas il-manteniment ghaliex spicca minghajr impjeg u b'hekk il-familja kollha hija minghajr dhul. B'hekk l-appellant jinsab fl-impossibilita li jadderixxi ghall-ordni tal-Qorti u se jibdew proceduri civili sabiex jigi emendat din l-ordni.

Illi l-piena mhix ekwa u gusta stante li l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet taghti sentenza alternattiva. Se tigi konfermata din is-sentenza se tkun aktar difficli ghall-appellant li jsib impjieg u b'hekk se jkun hemm aktar diffikultajiet ghalih u ghal familja tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tal-15 ta' marzu, 2016 jirrizulta li seduta stante l-appellant hallas dak kollu dovut lill-parte civile.

Illi waqt l-istess seduta l-parte civile ddikjarat li ma ghandhiex aktar interess f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' l-imputat u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum.